# IĊ-ĊIMITERJU TA' L-INFETTI U N-NIĊĊA TA' L-ERWIEĦ

*Jikteb Kav. Frank Borda Vassallo*

Meta l-pesta ta' l-1813 kienet infirxet mal-gżejjer kollha, u misset ukoll lil Birkirkara, il-Karkariżi, bħall-bqija tal-Maltin l-oħra, bdew iħabbtu wiċċhom mal-problema serja fejn se jidfnu lill-infettati.

Sa dak iż-żmien id-dfin kien għadu jsir fil-knejjes, iżda minħabba li kull infettat midfun ma setax jinqala' minn qabru qabel ma jgħaddu minn ta' lanqas mitt sena l-gvern u l-kleru kellhom jirrikorru għall-istess użu ta' l-imgħoddu f'każ ta' diżgrazzja bħal din u jaraw, fejn isibu roqgħa art u fuqha jwaqqfu ċimiterju għal dan l-użu biss.

Għalhekk għal dan l-iskop, intgħażlet biċċa art mhux wisq bogħod mill-parroċċa l-qadima ta' Birkirkara, li ġiet imdawra b'ħajt tas-sejjiegħ oħxon, u fil-faċċata tiegħu spazju minn fejn wieħed seta' jidħol. Dan il-ftuħ kien jingħalaq kull meta kien ikun hemm bżonn permezz tal-kanċell kbir li kien hemm magħmul minn ħadid, imwaħħal ma' żewġ pilastri kull naħa li minnhom infushom bejn pilastru u ieħor kienu jiffurmaw mogħdija dejqa, bħal speċi ta' passaġġ li kien jingħalaq ukoll permezz ta' grada tal-ħadid.

F'dan iċ-ċimiterju laħqu ndifnu bosta nfettati. In-numru eżatt tagħhom ħadd ma jafu, għaliex fit-taħbit tal-mument ħadd ma qagħad iniżżel bir-reqqa kemm kienu, jew, jekk xi ħadd għamel dan, intilfu.

Li hu żgur hu li l-infettati midfunda fih kienu ħafna drabi jkunu dawk li kienu għall-kura fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti fil-qrib, li allura minħabba l-isfortuna tal-ġuranta kien inbidel fi sptar.

Maż-żmien, dan iċ-ċimiterju beda jintelaq, imtela' kollu imbarazz u tħarbat. Iżda fl-1942, wara ħbit qalil mill-għadu, xi vittmi li mietu fl-inħawi ġew midfuna f'dan l-istess lok. Iżda din kienet l-aħħar darba li f'dan iċ-ċimiterju ndifnu mejtin fih, għaliex fl-1962, dawk midfuna fi żmien il-gwerra reġgħu nqalgħu, sabiex indifnu fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata f'Raħal Ġdid.

Wara dan, iċ-ċimiterju ta' l-Infetti aktar intelaq, u aktar ma għadda ż-żmien intesa' u minnu kważi ma tħalla xejn.

Imbagħad fil-bidu tas-snin sebgħin, is-sit ġie żviluppat bħala ground tal-futbol.

Għalhekk miċ-Ċimiterju ta' l-Infetti llum ma baqa' xejn, għajr memorja tiegħu fl-imħuħ ta' l-anzjani ta' l-inħawi, u xhieda tiegħu fil-kotba ta' l-istorja sabiex dawk l-anonimi Karkariżi vittmi tal-pesta ta' l-1813 ma jintessux.

## *In-Niċċa ta' l-Erwieħ*

Mhux wisq il-bogħod minn fejn darba kien hemm iċ-Ċimiterju ta' l-Infetti, tinsab niċċa ddedikata lill-Erwieħ ta' dawk li kienu mietu bil-Pesta ta' l-1813.

Din in-niċċa kienet twaqqfet f'dan il-post, mill-Familja Parnis minn Birkirkara, li għal dan l-iskop kienet xtrat b'disa' skud l-art.

Ix-xogħol fuqha dam sejjer sentejn sakemm tlesta fl-1816. It-tberik tagħha sar mill-Prespostu ta' Birkirkara, nhar l-1 ta' Novembru ta' l-istess sena u għaċ-ċerimonja attenda bi ħġaru l-poplu ta' l-inħawi li kien għadu kif tilef bosta qraba fil-Pesta ta' tlett snin qabel.

Din in-niċċa hi għolja madwar 25 filata, u għandha forma ta' kampnar li għalih trid titla' b'tarag mill-ġenb. Fiha hemm pittura ta' l-erwieħ fil-purgatorju, u għandha tlett itwieqi. Is-saqaf tagħha hu mżejjen b'żewġ fjammi li juru ruħ f'kull waħda. Dawn kienu swew 7 skudi l-wieħed sabiex saru. Mal-ġenb tagħha, fuq ix-xellug hemm speċi ta' parapett żgħir imdawwar b'ħajt baxx li x'aktarx li kien maħsub għall-użu waqt ċerimonji li setgħu kienu jsiru sabiex ifakkru l-vittmi tal-Pesta ta' l-1813.

Din in-niċċa llum għadha fi stat tajjeb ħafna, u dan minħabba fl-inizjattiva tal-Kavallier Vincenzo Parnis, li hu dixxindent tal-familja oriġinali li kienet waqqfet din in-niċċa.

Din in-niċċa kienet se titneħħa mill-awtoritajiet sabiex titwessa' t-triq, iżda fortunatament id-deċiżjoni ġiet revokata.



